23 ta' Ġunju, 1952.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Dr. L. A. Camilleri, LL.D., *President*;
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Michele Parnis *versus* Carmelo Caruana ne.

**Lokazzjoni — Board tal-Kera — Appell — Proċedura — Nullità — Art. 25 para. 2 ta' l-Ordinanza XXI ta' l-1931.**

*L-appell minn sentenza tal-Board tal-Kera għandu jsir per mezz ta' rikors. Jekk dak l-appell jinġieb 'il quddiem per mezz ta' petizzjoni, l-appell huwa irritu u null.*

*Il-proċedura hija liġi ta' ordni publiku; u għalhekk il-proċedura statwita mill-liġi ma tistax tiġi sostitwita bi proċedura oħra, lanqas bil-kunsens tal-parti opposta. B'mod li l-eċċezzjoni relativa, jekk ma tiġix sollevata mill-parti l-oħra, jew tiġi rinunzjata, għandha tiġi sollevata mill-Qorti "ex officio".*

Il-Qorti, — Rat ir-rikors ta' Michele Parnis quddiem il-Board li jirregola l-Kera, fejn talab biex jerġa' jieħu taħt idejh il-fond nru. 97 Birkirkara Street, San Ġiljan, mikri lil Paolo Caruana, għax dan emigra, u l-post baqa' battal, u r-rikorrent għandu bżonnu għal bintu Ġiljana mart John Drov, li qiegħda tħallas kera ta' £9 fix-xahar, billi ma sabitx tikri u kellha t'eħu post ammobiliat;

Rat id-deċiżjoni mogħtija minn dak il-Board fl-10 ta' Marzu 1952, li biha ġiet milqugħa t-talba, u għall-fini ta' l-iżgumbrament ġie mogħti lill-intimat nomine żmien ta' erbgħin ġurnata; bl-ispejjeż kontra l-intimat nomine; wara li kkunsidra;

*Omissis;*

Rat il-petizzjoni ta' l-imsemmi Carmelo Caruana nomine, quddiem din il-Qorti, fejn talab li s-sentenza fuq imsem-

mija tiġi revokata, billi tiġi miċħuda t-talba, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra r-rikorrent;

Rat ir-risposta tar-rikorrent Michele Parnis, li qabel xejn oppona li l-appell huwa null, tant l-għaliex ġie magħmul b'petizzjoni, mentri l-liġi timponi l-forma ta' rikors, kemm għaliex is-sentenza tal-Board mhix appellabili, billi ma qatgħet ebda punt ta' dritt; u subordinatament talab il-konferma ta' dik is-sentenza, bl-ispejjeż;

Rat il-verbal meħud fis-seduta tad-9 ta' Ġunju 1952, *mnejn jidher li l-appellat Parnis, per mezz tad-difensur tiegħu, irrinunzja għall-eċċezzjonijiet ta' l-irritwalità u ta' l-inappellabilità minnu mogħtija*;

*Omissis*;

Ikkunsidrat;

Illi, skond it-tieni paragrafu ta' l-art. 25 ta' l-Ordinanza XXI ta' l-1931 (Kap. 109 Edizzjoni Riveduta), l-appell missentenzi tal-Board għal quddiem din il-Qorti għandu jinġieb per mezz ta' rikors. L-appellant kiser din ir-regola, u ġieb il-quddiem l-appell tiegħu per mezz ta' petizzjoni;

Ikkunsidrat;

Illi l-proċedura hija liġi ta' ordni publiku (Vol. XXXIII—I—46). Għalhekk ma jistax jiġi ammess li proċedura stabbilità mil-liġi tiġi sostitwita b'oħra, u lanqas bil-kunsens talparti opposta. U l-eċċezzjoni relativa, jekk ma tiġix sollevata, jew tiġi rinunzjata, mill-parti l-oħra, għandha tiġi sollevata mill-Qorti "ex officio";

Għaldaqshekk;

Tiddikjara irritu u null l-appell promoss mill-intimat Carmelo Caruana nomine kontra l-imsemmija sentenza, mogħtija mill-Board li jirregola l-Kera fl-10 ta' Marzu 1952; bl-ispejjeż kontra l-istess Caruana nomine.